

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 210/2013

tat-8 ta' Novembru 2013

li temenda l-Anness XXI (Statistika) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 557/2013 tas-17 ta' Ġunju 2013 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Istatistika Ewropea fir-rigward tal-aċċess għal dejta kunfidenzjali għal għanijiet xjentifiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 831/2002 <sup>(1)</sup> jrid jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Ir-Regolament (UE) Nru 557/2013 jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 831/2002 <sup>(2)</sup>, li jinsab inkorporat fil-Ftehim ŻEE u li konsegwentement għandu jitħassar skont il-Ftehim ŻEE.
- (3) L-Anness XXI għall-Ftehim ŻEE għandu għallhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

It-test tal-Punt 17b (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 831/2002) tal-Anness XXI għall-Ftehim ŻEE qed jiġi mibdul b'li ġej:

"**32013 R 0557**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 557/2013 tas-17 ta' Ġunju 2013 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Istatistika Ewropea fir-rigward tal-aċċess għal dejta kunfidenzjali għal għanijiet xjentifiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 831/2002 (ĠU L 164, 18.6.2013, p. 16)."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 557/2013 bil-lingwa Islandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-9 ta' Novembru 2013, dment li jkun saru n-notifiki kollha, skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (\*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Novembru 2013.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Thórir IBSEN

<sup>(1)</sup> ĠU L 164, 18.6.2013, p. 16.

<sup>(2)</sup> ĠU L 133, 18.5.2002, p. 7.

(\*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.